MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 538/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Emanuel Custo' ta' 62 sena, bin Joseph u Anna nee' Mercieca imwieled Gharb nhar is-07 ta' Dicembru 1950, residenti f'fond 26, Triq il-Knisja, Gharb, detentur tal-karta ta'l-identita' 92550(G)**

**U**

**Bernardina Custo ta' 64 sena mart Emanuel, bint Joseph Grima u Angela nee' Hili, imwielda Xaghra, nhar il-20 ta' Ottubru 1948 u residenti fil-fond numru 26, Triq il-Knisja Gharb, detentrici tal-karta ta'l-identita numru 78648(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Emanuel u Bernardina Custo’ li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta’ Lulju 2007 gewwa Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, ghal habta tas-sitta ta’ fil-ghaxija (1800) u fil-hinijiet ta’ qabel:

LIL ***Emanuel Custo***’ wahdu:

a) saq vettura bil-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni EBC446 fit-toroq, meta ma kienx kopert b’polza ta’l-assigurazzoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni u dan bi ksur ta’l-artikolu 3 tal-Kap.104.

b) saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBC446 meta ma kellhiex licenzja, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragini jew b’mod perikoluz u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65.

c) ukoll talli fl-istess post, hin u cirkustanzi fejn meta kien qieghed fil-kontroll ta’ vettura bil-mutur fi triq bin-numru ta’ registrazzjoni EBC446, kien involut f’incident fejn ikkaguna hsara lil vettura ohra, naqas milli jieqaf u jaghti id-dettalji hekk mehtiega u dan bi ksur tal-artikolu 67 tal-LS65.11.

d) talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBC446 b’manjiera traskurata;

e) talli fl-istess post, data hin, u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;

f) talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmja vettura b’manjiera bla kont;

g) talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmiss;

h) ukoll talli l-istess post, data, hin u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

i) talli volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' ***Anthony Azzopardi***, liema hsara hija ta' anqas minn hamsin lira (Lm50.00).

Lil Bernardina Custo' wahedha talli nhar il-25 ta' Lulju 2007 u tlett snin ta' qabel u diversi postijiet b'diversi atti maghmulin li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda

j) ippermettiet jew halliet lil persuni ohra juzaw vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni EBC446 fit-toroq meta din l-istess vettura ma kenitx koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur ta'l-artikolu 3 tal-Kap.104.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi id-difiza qed tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali bid-dekors ta' sitt xhur ghal xi akkuzi u dik tas-sentejn ghal akkuzi ohra. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi dina l-kawza giet intavolata is-27 ta' Lulju 2007 u ghalhekk jumejn biss wara l-allegat kummissjoni tar-reati addebitati lill-imputati. Illi l-proceduri inbdew quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, izda billi irrizulta min-natura ta'l-akkuzi illi dawn kienu jaqghu taht il-kompetenza originali ta' dina il-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, il-kawza giet assenjata lil Qorti ta' Gudikatura Kriminali u bdiet tinstema mill-gdid. Illi l-kawza ghalhekk regghet bdiet tinstema it-02 ta' Ottubru 2007 quddiem dina l-Qorti. F'dina id-data l-perijodu preskrittiv indikat mid-difiza ma kienx allura iddekorra u kwindi dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fil-mertu, jinghad illi billi id-difiza ma kenitx ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda tal-konjugi Mac Millan mill-gdid, allura il-Prosekuzzjoni kien jenhtiegilha tressaq lil dawn ix-xhieda. Jidher illi dawn in-nies kienu irritornaw lejn pajjizhom u allura ix-xhieda taghhom kellha necessarjament tigi migbura permezz tal-procedura tar-rogatorji. Il-Prosekuzzjoni madanakollu naqqset milli thejji dawn l-ittri rogatorji ghalkemm inghatat diversi opprotunitajiet mill-Qorti sabiex taghmel dan. Kwindi il-provi li hemm fl-atti jikkonsistu essenzjalment ix-xhieda ta'l-ufficjali tal-Pulizija li investigaw dana l-incident, f'ritratt mehud minn Catherine Mac Millan li madanakollu qatt ma tixhed biex tikkonferma illi kienet hi li hadet ir-ritratt, u l-istqarrijiet ta'l-imputati.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi it-trukk tal-ghamla Leyland, kien irregistrat fil-jum indikat fl-akkuza fuq l-imputata Bernardina Custo'. Madanakollu dak in-nhar il-licenzja tat-triq ta' dana it-trukk kienet ilha ma tithallas sa mis-sena 2003. Illi l-imputat Emanuel Custo' jikkontendi illi dana it-trukk kien jinzamm fil-garaxx taghhom minghajr pjanci u li qatt ma kienu juzawh. Bernardina Custo' minn naha taghha tghid illi zewgha gieli johrog dana it-trukk izda dana ma ifissirx necessarjament illi hija kienet tippermettielu jaghmel dan. Di piu' dina ix-xhieda ma tistax tintuza kontra l-imputat Emanuel Custo billi dan huwa ko-akkuzat ma' martu f'dina l-istanza u kwindi dak dikjarat minn wiehed ma jistax jintuza la favur u lanqas kontra il-ko-akkuzat l-iehor.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat jichad illi huwa hareg fit-triq b'dana it-trukk fil-jum ta' dana l-incident jew inkella li kien laqat xi vettura. Provi ohra fl-atti sabiex jikkontradixxu dan ma hemmx billi l-konjugi Mac Millan baqghu qatt ma regghu xehdu u l-ufficjali tal-pulizija li investigaw dana il-kaz ma kenux prezenti ghall-incident. Di piu' is-surgent 369 li ghamel spezzjoni tat-trukk in kwistjoni ma irriskontra l-ebda hsara fih li tista' tikkombaccja mal-hsara li kellha il-vettura proprjeta' ta' Anthony Azzopardi u misjuqa mill-konjugi Mac Millan.

Kwindi fin-nuqqas ta' provi li hemm fl-atti dwar l-involviment ta'l-imputat f'dina l-kollizzjoni, l-Qorti ma tistax hlief tilliberah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata Bernardina Custo' hija akkuzata taht il-Kapitou 104 tal-Ligijiet ta' Malta li ippermettiet li xi persuna issuq it-trukk mertu tal-kawza ghalkemm dan ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni. Illi kif diga' inghad ghalkemm ma hemmx dubbju illi fil-jum indikat fl-akkuza dana it-trukk la kien licenzjat biex jinsaq ghat-triq u kwindi lanqas kien assikurat, madanakollu fl-ewwel lok ma hemmx prova illi fil-fatt l-imputat Emanuel Custo' saq dana it-trukk u fi kwalunkwe kaz lanqas ma hemm prova fl-atti illi l-imputata kienet qed tippermetti lil xi persuni isuqu dana it-trukk.

Kwindi anke l-imputata Bernardina Custo' ser tigi illiberata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------